

Brussell, 21 ta' Diċembru 2015
(OR. en)

14454/15
ADD 1

PV/CONS 66
EDUC 312
JEUN 114
CULT 87
AUDIO 33
SPORT 69

ABBOZZ TA' MINUTI

Suġġett: **It-3428** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
(EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT),
li saret fi Brussell fit-23 u l-24 ta' Novembru 2015

PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA¹

Paġna

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

PUNT "A" (dok. 14107/15 PTS A 88)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini Ewropej (Programm ISA2) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku [L-ewwel qari] (AL + D) 3

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI - DIBATTITI PUBBLIĊI

PUNTI "B" (dok. 14009/15 OJ CONS 65 EDUC 295 JEUN 106 CULT 80 AUDIO 30 SPORT 60)

7. Ir-rwol tal-politika dwar iż-żgħażaġh u l-ħidma fost iż-żgħażaġh fir-rigward tal-migrazzjoni – appoġġ għas-sensibilizzazzjoni interkulturali u l-integrazzjoni tal-migranti 3
10. Edukazzjoni u migrazzjoni: Strateġiji għall-integrazzjoni ta' migranti li waslu reċentement u persuni bi sfond ta' migrazzjoni..... 4
14. Naħdmu flimkien kontra l-qerda u t-traffikar illeċitu tal-patrimonju kulturali f'żoni ta' kunflitt4
17. Il-potenzjal edukattiv tal-isport: għajjnuna liż-żgħażaġh żvantaġġati biex isibu posthom fis-soċjetà 5

*

* *

¹ Deliberazzjonijiet dwar l-atti leġislattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħrajn miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

PUNT "A"

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà u oqfsa komuni għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċittadini Ewropej (Programm ISA²) bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku [L-ewwel qari] (AL + D)

PE-CONS 52/15 TELECOM 178 COMPET 421 CODEC 1243

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bl-astensjoni tad-delegazzjoni tar-Renju Unit, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 172 TFUE)

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni jiddispaċiha dwar l-inklużjoni ta' dispożizzjoni u ta' premessa li sempliċement tirrepeti l-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data bi ksur tal-prinċipji bażiċi tal-kwalità leġiżlattiva u kontra d-dispożizzjoni tar-regola 12 tal-Gwida Prattika Konġunta għall-abbozzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-Istituzzjonijiet. Il-Kummissjoni ma tikkunsidrax l-abbozzar tal-Artikolu 16 bħala preċedent għal kwalunkwe leġiżlazzjoni futura."

*

* *

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

(Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [propost mill-Presidenza])

PUNTI "B"

7. Ir-rwol tal-politika dwar iż-żgħażaġh u l-ħidma fost iż-żgħażaġh fir-rigward tal-migrazzjoni – appoġġ għas-sensibilizzazzjoni interkulturali u l-integrazzjoni tal-migranti

– Dibattitu ta' orjentazzjoni

13640/15 JEUN 98 EDUC 287 CULT 75 SPORT 53 SOC 635 MIGR 59

+ ADD 1

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni imħejji mill-Presidenza (dok. 13640/15 + ADD 1).

Il-Ministri enfasizzaw, fost affarijiet oħra, il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transettorjali b'mod partikolari fl-oqsma taż-żgħażaġh, l-edukazzjoni, l-isport, il-kultura, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, u li jiġu promossi l-valuri Ewropej sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-biża' u tissaħħaħ it-tolleranza. Ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fil-proċess ta' integrazzjoni fil-livell lokali kien enfasizzat, bil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki f'dan ir-rigward fost l-Istati Membri.

10. Edukazzjoni u migrazzjoni: Strateġiji għall-integrazzjoni ta' migranti li waslu reċentement u persuni bi sfond ta' migrazzjoni

- Dibattitu ta' orjentazzjoni
13449/15 EDUC 282 JEUN 93 CULT 66 SPORT 51 SOC 617 MIGR 58
RELEX 854

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni imħejji mill-Presidenza (dok.13449/15).

Fost il-kwistjonijiet enfasizzati mill-Ministri kien hemm l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi, il-promozzjoni sistematika ta' valuri Ewropej, il-valutazzjoni u l-validazzjoni rapidi ta' kwalifiki minn qabel, u t-taħriġ korrett tal-għalliema biex jindirizzaw din l-isfida l-għdida.

14. Naħdmu flimkien kontra l-qerda u t-traffikar illeċitu tal-patrimonju kulturali f'żoni ta' kunflitt

- Dibattitu ta' orjentazzjoni
13647/15 CULT 78 RELEX 873 UD 213 REV 2

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi tad-dokument ta' diskussjoni imħejji mill-Presidenza (dok. 13647/2/15 REV 2).

17. Il-potenzjal edukattiv tal-isport: għajnuna liż-żgħażaġh żvantaġġati biex isibu rwol posthom fis-soċjetà

– Dibattitu ta' orjentazzjoni

13440/15 SPORT 49 EDUC 280 JEUN 92 CULT 65 SOC 615 EMPL 405

MIGR 57

+ ADD 1

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni imħejji mill-Presidenza (dok. 13440/15 + ADD 1), u sema' l-perspettivi ta' żewġ kelliema esterni: Is-Sur Edwin Moses, President tal-Aġenzija tal-Antidoping tal-Istati Uniti u President tal-Kumitat tal-Edukazzjoni tal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping u s-Sur Mathieu Moreuil, li rrappreżenta lill-Premier League Inġliż. Mid-dibattitu rriżulta kunsens konsiderevoli dwar il-ħtieġa għal sħubijiet, għal evalwazzjoni u evidenza dwar x'jaħdem u x'ma jaħdimx, u għal ħidma lokalment mal-persuni fuq il-post.